## IT-TIELET PARTI

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

**12 ta' Jannar, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. *Hugh Harding* B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**

Emanuel Brincat

*versus*

Raymond Gatt

## Inċident - Danni - Likwidazzjoni

*F'kaz ta' danni naxxenti minn inċident, normalment il-Qrati tagħna jsegwu l-metodu ta' likwidazzjoni stabbilit għall-ewwel darba fil-kawża* ***Butler vs Heard****, deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Diċembru, 1967. Però, meta jkun hemm ċirkostanzi li ma jippermettux l-adozzjoni ta' dak il-metodu, allura m'għandux jiġi adottat.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta li l-konvenut kien tajjar lill-attur waqt li kien qed isuq il-karozza 7017 fi Triq San Edwardu, Vittoriosa, fis-26 ta' Settembru, 1976, u dan minħabba imperizja, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti da parti ta' l-istess konvenut u illi l-konvenut ġie interpellat biex iħallas id-danni sofferti mill-attur u baqa'

ma ħallasx, u talab li din il-Qorti: (a) tiddikjara lill-konvenut responsabbli lejn l-attur tad-danni kollha sofferti minnu fl-inċident stradali li ġara f'Vittoriosa, fis-26 ta' Settembru, 1976, fuq riferit; (b) tillikwida dawn id-danni, jekk hemm bżonn permezz ta' perit *nominand*; (c) tikkundanna lill-konvenut li jħallas lill-attur l-ammont li jiġi hekk illikwidat - bl-ispejjeż kontra l-konvenut, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjal tal-21 ta' Lulju, 1978;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi d-domandi attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-investment ġara b'tort unikament ta' karozza oħra li kienet ġejja b'mod traskurat u negliġenti min-naħa opposta tal-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-intervenut fil-kawża Stephen Fava *nomine* li biha aċċetta r-responsabbilità għall-investiment u offra lill-attur is-somma ta' seba' mija, disgħa u tmenin lira, ħamsa u sebgħin ċentezmu (Lm789.75), stante l-età tiegħu u li għadu jagħmel xogħol manwali;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali, l-Avukat Dr. Joseph Buttigieg minnu debitament maħlufa fis-seduta tad-19 ta' Ottubru, 1981;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Kif ġà ingħad, filwaqt li l-konvenut qiegħed jikkontesta r-responsabbilità tiegħu għall-inċident in kwistjoni, il-kumpannija

assikuratriċi tiegħu, li intervjeniet fil-kawża, qiegħda taċċetta dik ir-responsabbilità. In vista, però, li l-konvenut qed jgħid li hu ma kellux ħtija, jinkombi lill-Qorti li tidħol f'din il-kwistjoni, nonostante l-aċċettazzjoni ta' ħtija da parti tal-kumpannija assikuratriċi tal-konvenut;

Minn eżami tal-proċess jirriżulta li l-uniku xhud ta' l-inċident huwa l-istess attur, billi l-konvenut lanqas xehed fil-kawża u ma kienx hemm xhieda okulari estranei. Minn din id-deposizzjoni ta' l-attur jirriżulta li huwa kien miexi fuq il-bankina meta ntlaqat minn wara mill-karozza misjuqa mill-konvenut. Huwa ovvju għalhekk li fl-istat tal-provi t-tort kien kompletament tal-konvenut, iktar u iktar meta wieħed iżomm ukoll quddiem għajnejh id-deposizzjoni ta' Lawrence Camilleri u Joseph Gellel li, għalkemm ma rawx l-inċident, però ftit qabel raw karozza tolqot karozza oħra pparkjata u mbagħad issuq b'saħħa kbira fid-direzzjoni fejn wara ġara l-inċident in kwistjoni;

Ikkunsidrat:

Kwantu għal-likwidazzjoni tad-danni, jirriżulta li meta ġara l-inċident, l-attur kellu erbgħa u ħamsin sena, li bħala konsegwenza ta' l-inċident sofra diżabilità permanenti ta' għoxrin fil-mija (20%) u illi huwa kien jaħdem il-Malta Drydocks u għalkemm falla mix-xogħol għal żmien konsiderevoli minħabba l-feriti li sofra, huwa ma tilifx paga sakemm irritorna għax-xogħol;

Normalment, il-Qrati tagħna jsegwu l-metodu ta' likwidazzjoni stabbilit għall-ewwel darba fil-kawża **Butler *vs* Heard**, deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Diċembru, 1967. F'dak il-każ il-Qorti ta' l-Appell approvat bħala metodu sostanzjalment ġust u prattiku, fil-każ ta'

likwidazzjoni ta' danni minħabba inkapaċità permanenti, li jitiqes b'kemm il-qligħ tad-danneġġjat ikun naqas, konsiderati ukoll il-prospettivi li huwa kellu u dawk il-possibbli kontinġenzi li setgħu jinfluwixxu fuq il-qligħ u dak it-telf jiġi multiplikat għal numru ta' snin, meħud rigward ta' l-età u stat ta' saħħa tad-danneġġjat. In-numru ta' snin adottat bħala *multiplier* m'għandux ikun ibbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat, iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja lavorativa tiegħu u għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni iċ-*chances and changes* tal-ħajja. Il-fatt li d-danni jitħallsu f'daqqa taħt forma ta' kapital hija ukoll ċirkostanza importanti li għandha tittieħed in konsiderazzjoni bħala raġuni ta' moderazzjoni u jista' jingħad li fil-fatt f'diversi deċiżjonijiet tnaqqset għal din ir-raġuni kwint (1/5) mis-somma stabbilita bil-metodu ta' likwidazzjoni fuq imsemmi;

Fil-kawża **Butler *vs* Heard**, fuq ċitata però, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell qalet ukoll espressament illi l-imsemmi metodu ta' likwidazzjoni ma kienx l-uniku metodu possibbli. Ovvjament meta jkun hemm ċirkostanzi li ma jippermettux l-adozzjoni ta' dak il-metodu, allura m'għandux jiġi adottat;

Issa, fil-każ preżenti, jirriżulta mid-deposizzjoni mogħtija mill-istess attur fit-18 ta' Novembru, 1982 (jiġifieri wara l-preżentata tar-relazzjoni peritali), li huwa kien ġie *boarded out* mill-Malta Drydocks f'Lulju, 1980 billi huwa kien qed jitlef id-dawl minn għajnejh u dana, kif jgħid l-istess attur "mhux minħabba l-inċident". Jirriżulta ukoll minn din id-deposizzjoni tiegħu li l-attur ma jistax jaħdem minħabba li ma jarax;

Huwa ovvju li, minħabba dan l-iżvilupp li ġara fil-kors tal-kawża u li ma jistax jiġi injorat, il-Qorti ma tistax, u fil-fatt mhix sejra, tadotta l-metodu ta' likwidazzjoni fuq imsemmi. Illum il-Qorti għandha quddiemha bħala fatt illi f'Lulju, 1980,

jiġifieri inqas minn erba' snin wara l-inċident li ġara fis-26 ta' Settembru, 1976, l-attur waqaf jaħdem fejn *kien impjegat*, u dana mhux minħabba l-inċident. Illum il-Qorti ma tistax tiffissa l-*multiplier* fuq imsemmi bbażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva ta' l-attur u meħuda in konsiderazzjoni iċ-*chances and changes* tal-ħajja meta hija għandha quddiemha bħala fatt *change* fil-ħajja ta' l-attur mhux dovuta għall-inċident li minħabba fiha l-attur ġie *boarded out* minn u fejn kien qed jaħdem f'Lulju, 1980;

Ikkunsidrat:

L-artikolu 1088 tal-Kodiċi Ċivili, *li jikkontempla d-danni* li għandhom jitħallas, jinkludi *inter alia*, it-telf ta' qligħ futur minħabba inkapaċità permanenti, totali jew parzjali, u jiddisponi ukoll li s-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità għandha tiġi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ u fuq kollox, ix-xorta u grad ta' inkapaċità kkaġunata u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara;

Għalhekk, kif osservat il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża **Savona *vs* Asphar**, *23 ta' Ġunju, 1952, f'din il-materja ma* hemmx regoli fissi u inflessibbli u s-somma tad-danni hija rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti;

Issa, fil-każ preżenti, ma jrriżultax li l-attur, sa dakinhar li ġie *boarded out*, jiġifieri f'Lulju 1980, *tilef xi parti mill-qligħ* tiegħu bħala impjegat mal-Malta Drydocks u għalhekk ma jistax jingħad li sofra danni sa dakinhar. Huwa ġie *boarded out* mhux minħabba l-inkapaċità permanenti li sofra bħala konsegwenza ta' l-inċident in kwistjoni imma minħabba li kien qed jitlef id-dawl minn għajnejh. Ma hemm xejn fil-provi li juri li wara li ġie *boarded out* sal-lum l-attur sofra xi danni konsistenti f'telf *ta'* qligħ bħala konsegwenza ta' l-inċident fuq imsemmi u għalhekk

il-Qorti, a bażi tal-provi li għandha quddiemha, tirritjeni (salv però dak li sejjer jingħad aktar tard), li sal-lum l-attur ma sofriex danni minħabba l-imsemmija inkapaċità permanenti kkaġunata bl-imsemmi inċident;

Ma jistax jiġi eskluż però li l-attur għad fil-futur isofri danni bħala konsegwenza ta' l-inċident imsemmi. Per eżempju, ma jistax jiġi eskluż li nonostante ċ-ċeċità tiegħu, l-attur isib impjieg però, dan l-impjieg ma jkunx jista' jassumieh minħabba l-leżjonijiet li sofra bħala konsegwenza ta' l-inċident fuq imsemmi. Huwa risaput li hemm diversi każi ta' nies għomja li intant, b'xi mod jew ieħor, qegħdin jaħdmu bi profitt. Per eżempju, ukoll, ma jistax jiġi eskluż li l-attur ikollu bżonn ta' għajnuna bħala konsegwenza ta' l-imsemmija leżjonijiet u jkollu jħallas għal dik l-għajnuna. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża **Busuttil** ***vs*** **Micallef,** deċiża mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Frar, 1952 (Kollezzjoni Deċiżjonijiet, Vol. XLI-I-101-106), fejn it-telf ta' qligħ ikkontemplat fl-artikolu fuq imsemmi ġie mogħti interpretazzjoni estensiva fis-sens li għandu jinkludi anke l-ispejjeż li jkollu jagħmel id-danneġġjat in konsegwenza ta' l-inċident billi bihom il-qligħ jiġi mnaqqas u dak hu telf ta' qligħ. Il-possibbilità li l-attur għad isofri danni fil-futur bħala konsegwenza ta' l-inċident fuq imsemmi jagħmilha opportun li f'dan il-każ il-Qorti tagħmel ir-riserva infraskritta kif din il-Qorti għamlet fil-kawża **Azzopardi** ***vs*** **Vella,** 24 ta' Jannar, 1962 (Kollez. Deċ. XLVI-II-555-560), u fil-kawża **Bartoli** ***vs*** **Bonnici**, 31 ta' Ottubru, 1956, hemm ċitata;

Ikkunsidrat:

L-attur xehed (fol. 50), li fl-inċident tqattgħulu l-qmis, il-qalziet u s-sandli li kienu jiswew għoxrin lira. Fil-fatt l-attur esebixxa żewġ riċevuti (dok. R1 u R2 - fol. 59 u 60) li juru li

nefaq tlettax-il lira biex jerġa' jixtri l-imsemmija ħwejjeġ u għalhekk il-Qorti qiegħda taċċetta din l-aħħar somma ta' tlettax-il lira;

*Omissis*;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi: (1) tiddikjara lill-konvenut responsabbli għall-inċident stradali msemmi fiċ-ċitazzjoni u għad-danni kollha li hu sofra bħala konsegwenza ta' l-imsemmi inċident; (2) tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' għoxrin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm20.50); u (3) tikkundanna lill-konvenut li jħallas lill-attur l-istess somma ta' għoxrin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm20.50), in linea ta' danni - b'riserva favur l-attur ta' kull azzjoni futura kif ingħad fuq. L-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenut, b'dan però illi l-intervenut fil-kawża għandu jħallas l-ispejjeż tiegħu stess.